VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

28 ta’ Marzu, 2014

ATT Nru. VII tal-2014

ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta u Diversi Liġijiet dwar l-Elezzjonijiet.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2014 li Jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta u Diversi Liġijiet dwar l-Elezzjoni.

TAQSIMA I
Emenda għall-Kostituzzjoni ta’ Malta

Emendi għall-Kostituzzjoni ta’ Malta.

2. Id-dispożizzjonijiet ta’ din it-Taqsima jemendaw il-Kostituzzjoni ta’ Malta u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta’ Malta, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda tal-artikolu 58 tal-Kostituzzjoni.

3. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 58 tal-Kostituzzjoni, il-kliem ", jew ikun taħt kundanna bħal dik ta’ priġunerija li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża" għandhom jiġu mħassra.

TAQSIMA II
Emenda għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap.12.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jemendaw il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Kodiċi.

5. Minnufih wara l-artikolu 181B tal-Kodiċi għandhom jiżdiedu l-artikolu ġodda li ġejjin:

"Trasferiment ta' atti ġudizzjarji u skritturi bejn il-qrati f'Malta u l-qrati f'Għawdex.

181Ċ. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181D, kull att ġudizzjarju jew kull skrittura jistgħu jiġu preżentati fir-reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Malta, sabiex jintbagħtu mir-reġistratur ta' dik il-qorti lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew tat-tribunal kompetenti li jżomm is-seduti f'Għawdex kif ikun indikat fl-att ġudizzjarju jew fl-iskrittura.

(2) Għandu jkun biżżejjed għall-finijiet tal-liġi li kopja vera tal-att ġudizzjarju jew tal-iskrittura tiġi *scanned* fir-reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Malta, u tinbagħat bil-posta elettronika lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew tat-tribunal kompetenti f'Għawdex kif ikun indikat fl-att ġudizzjaru jew fl-iskrittura.

(3) Ir-reġistratur li jirċievi l-kopja *scanned* kif intqal qabel għandu jiċċertifika li jkun irċeviha billi jibgħat risposta bil-posta elettronika lir-reġistratur li jkun bagħat il-kopja vera *scanned* tal-att ġudizzjarju jew tal-iskrittura.

(4) L-uffiċjal li jagħmel in-notifika tal-kopja *scanned* tal-att ġudizzjarju jew tal-iskrittura kif imsemmi qabel għandu jikkonsenja lir-reġistratur tal-Qrati Civili u Tribunali, Għawdex, ir-riferta tan-notifika, konfermata kif imiss bil-ġurament quddiem ir-reġistratur stess li għandu jibgħatha lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew tribunal kompetenti f'Malta kif ikun indikat fl-att ġudizjarju jew fl-iskrittura u viċeversa. Din il-konsenja tista' ssir ukoll bil-posta elettronika u r-reġistratur li jkun irċieva r-riferta tan-notifika, kif intqal qabel, għandu jiċċertifika li rċeviha billi jibgħat posta elettronika lura lir-reġistratur li jkun bagħatlu r-riferta tan-notifika.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (4), it-tnejn inklużi, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw fil-każ fejn att ġudizzjarju jew skrittura jiġu preżentati fir-reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex, sabiex jintbagħtu lill-qorti ċivili jew lit-tribunal kompetenti f'Malta kif ikun indikat fl-att jew fl-iskrittura.

(6) Id-data tal-preżentata għandha tkun id-data ta' meta l-att ġudizzjarju jew l-iskrittura ġiet ippreżentata l-ewwel darba fir-reġistru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta u mhux id-data ta' meta l-att ġudizzjarju jew l-iskrittura waslet fir-reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex, u viċeversa.

Trasferiment u eżekuzzjoni ta' mandati u ordnijiet bejn il-qrati f'Malta u l-qrati f'Għawdex.

181D. (1) Kull talba għall-ħruġ ta' mandat jew mandat ta' sekwestru minn qorti ċivili jew minn tribunal f'Għawdex tista' tiġi preżentata fir-reġistru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta.

(2) Ir-reġistratur tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta, għandu jibgħat dik it-talba lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew lit-tribunal kompetenti f'Għawdex kif ikun indikat fit-talba.

(3) Ir-reġistratur tal-Qorti Civili u Tribunali, Għawdex għandu jibgħat dik it-talba lill-qorti ċivili jew lit-tribunal kompetenti f'Għawdex kif ikun indikat fit-talba sabiex tiġi eżegwita skont il-liġi.

(4) Jekk il-qorti ċivili jew tribunal kompetenti f'Għawdex tiddikjara li dak il-mandat jew ordni jiġi eżegwit f'Għawdex jew Kemmuna, kopja *scanned* tiegħu għandha tintbagħat mir-reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali, Għawdex indikati fit-talba lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew tat-tribunal kompetenti f'Malta minn fejn oriġinat it-talba. Kopja tad-digriet għandha tiġi notifikata lill-persuna li tkun qed titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat jew dak il-mandat ta' sekwestru.

(5) L-uffiċjal li jeżegwixxi n-notifika għandu jikkonsenja lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew tat-tribunal kompetenti f'Għawdex kif ikun indikat fit-talba r-riferta dwar in-notifika jew l-eżekuzzjoni, konfermata kif imiss bil-ġurament quddiem ir-reġistratur stess li għandu jibgħatha lir-reġistratur tal-qorti ċivili jew lit-tribunal kompetenti f'Malta minn fejn it-talba tkun oriġinat.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (4), it-tnejn inklużi, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw meta att ġudizzjarju jiġi preżentat fir-reġistru ta' qorti ċivili kompetenti jew tribunal f'Għawdex biex jintbagħat lil qorti ċivili kompetenti jew tribunal f'Malta.

(7) Id-data tal-preżentata għandha tkun id-data ta' meta l-mandat jew il-mandat ta' sekwestru ġie ippreżentat l-ewwel darba fir-reġistru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta u mhux id-data ta' meta l-mandat jew il-mandat ta' sekwestru wasal fir-reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex, u viċeversa.".

TAQSIMA III
Emenda għall-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali

Emendi għall-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Kap. 354.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jemendaw l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

7. Fis-subartikolu (4) tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali, il-kliem "jew kundanna ta' priġunerija bħal dik li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 77 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 77 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "u fl-Isptar Ġenerali Għawdex." għandhom jidħlu l-kliem "u fl-Isptar Ġenerali Għawdex;", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-paragrafu u l-provisos ġodda li ġejjin:

"(d) f'dawk il-postijiet oħra msemmija biex jintefgħu l-voti minn eletturi li jkunu residenti fi djar tal-anzjani kif imfisser fl-artikolu 80 fil-jum tas-Sibt ta' qabel il-jum tal-votazzjoni, kif il-Kummissjoni tista', b'avviż fil-Gazzetta ppubblikat fi żmien għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tar-*writ* għall-elezzjoni, tistabbilixxi:

Iżda l-Kummissjoni għandha, kull fejn ikun possibbli, tistabbilixxi dawk il-postijiet tal-votazzjoni mħallta fid-djar tal-anzjani stess:

Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, kull persuna li tkun toqgħod f'dar tal-anzjani erbatax-il jum qabel il-jum tal-votazzjoni għandha titqies li tkun persuna residenti fid-dar tal-anzjani:

Iżda wkoll l-artikolu 83 għandu *mutatis mutandis* japplika għall-postijiet tal-votazzjoni mħallta stabbiliti b'dan il-paragrafu.";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3A) tiegħu minnufih wara l-kliem "li hija m'hijiex se tkun Malta" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew li hija ser tkun rikoverata fi sptar";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "sebat ijiem qabel il-jum tal-elezzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "erbatax-il ġurnata qabel il-jum tal-votazzjoni";

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "tliet ijiem qabel il-votazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "erbat ijiem qabel il-jum tal-votazzjoni"; u

(iii) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att:

(i)eletturi li jivvutaw fi sptar skont il-paragrafu (d) għandhom jivvutaw fil-jum tal-Ħamis qabel il-jum tal-votazzjoni bejn is-7.00 am u l-10.00 pm;

(ii)eletturi -

(aa)li huma residenti f'San Vinċenz de Paule; jew

(bb)li huma residenti fi djar tal-anzjani kif imfisser fl-artikolu 80 u li għandhom id-dritt jivvotaw f'dawk il-postijiet imsemmija fis-subartikolu (3)(d),

għandhom jivvotaw fil-jum tas-Sibt qabel il-jum tal-votazzjoni bejn is-7.00 am u l-10.00 pm."; u

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kliem "(3)(a) u (b)"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(3)(a), (b) u (d)".

Emenda tal-artikolu 82 tal-Att prinċipali.

9. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 82 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Fi żmien tliet ijiem mill-pubblikazzjoni tar-*Writ*" għandhom jidħlu l-kliem "Erbatax-il ġurnata qabel il-jum tal-votazzjoni"; u fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "l-elezzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "il-jum tal-Ħamis ta' qabel il-jum tal-elezzjoni".

TAQSIMA IV
Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali

Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali. Kap. 363.

10. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jemendaw l-Att dwar Kunsilli Lokali u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

11. Fil-paragrafu (h) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, il-kliem "jew ikun taħt sentenza bħal dik ta' priġunerija li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża" għandhom jiġu mħassra.

TAQSIMA V
Emendi għall-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

Emendi għall-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Kap. 467.

12. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jemendaw l-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

13. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, il-kliem ", jew ikun taħt kundanna bħal dik ta' priġunerija li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

14. Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali, il-kliem "jew ikun taħt sentenza bħal dik ta' priġunerija li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża" għandhom jiġu mħassra.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 134 tal-26 ta' Marzu, 2014.

ANĠLU FARRUĠIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati